2025/942

19.5.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/942

tat-12 ta' Mejju 2025

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji li ġie stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") ġie konkluż mill-Unjoni u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fit-30 ta' Diċembru 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u b'mod partikolari l-Protokoll tiegħu dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet relatati mat-taxxi u d-dazji (il-"Protokoll") jipprevedi qafas legali sod għall-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet. Din il-kooperazzjoni tibbenefika mill-biċċa l-kbira tal-għodod li jintużaw bħalissa mill-Istati Membri għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet.

(3) Il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (il-"Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ") għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jadotta deċiżjonijiet, sabiex jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni xierqa tal-Protokoll.

(4) Il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni dwar il-proċedura li tikkonċerna l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa tal-Protokoll u jistabbilixxi l-formoli standard għall-komunikazzjonijiet.

(5) Jixraq li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni tiġi stabbilita fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ, peress li d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-formoli standard għall-komunikazzjonijiet ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.

(6) Minħabba l-evoluzzjoni tas-sistema ta' Skambju ta' Formoli (EoF) imsemmija fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)2866 u l-ħtieġa li l-formoli standard skont l-Artikolu PVAT.19 (1) jinġiebu f'konformità ma' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, kif ukoll il-ħtieġa li tirriżulta li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis dawn l-iżviluppi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni.

(7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] u ta opinjoni fit-28 ta' April 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru ta' Taxxi u Dazji stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (il-"Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ") hija stipulata fl-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ fir-rigward ta' aġġustament ulterjuri tal-formoli standard għall-komunikazzjonijiet skont l-Artikolu PVAT.19 (1) għandha tappoġġa tali aġġustament, dment li jkun strettament meħtieġ biex il-formoli standard jinġiebu f'konformità mas-sistema ta' Skambju ta' Formoli (EoF) imsemmija fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)2866.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill dokument bil-miktub li jistipula d-dettalji tal-aġġustament previst kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dak id-dokument bil-miktub għandu jasal għand il-Kunsill żmien biżżejjed qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ biex jippermetti d-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni f'dik il-laqgħa jew, jekk ikun il-każ, mat-tmiem ta' proċedura bil-miktub tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ li fiha huwa għandu jiddeċiedi dwar aġġustament tal-formoli standard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

B. NOWACKA

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU 1/2025 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦALL-KUMMERĊ DWAR IL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA FIL-VAT U L-IRKUPRU TAT-TAXXI U D-DAZJI STABBILIT PERMEZZ TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA,

ta' …

li temenda d-Deċiżjoni Nru 4/2023 dwar il-formoli standard għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni u tad-data statistika, it-trażmissjoni tal-informazzjoni permezz tan-network komuni ta' komunikazzjoni u l-arranġamenti prattiċi għall-organizzazzjoni ta' kuntatti bejn l-uffiċċji ċentrali ta' kollegament u d-dipartimenti ta' kollegament

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦALL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Protokoll tiegħu dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet ("il-Protokoll"), b'mod partikolari l-Artikolu PVAT.39(2), il-punt (d), tal-Protokoll,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu PVAT.39 (2), il-punt (d), tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet ("il-Protokoll"), il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji ("Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ") għandu jistabbilixxi l-formoli standard għall-komunikazzjonijiet skont l-Artikolu PVAT.19(1), jiġifieri talbiet għal informazzjoni, għal skambju spontanju ta' informazzjoni, għal inkjesti amministrattivi u għal feedback bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u r-Renju Unit skont il-Protokoll.

(2) Għall-komunikazzjoni tat-talbiet, tal-informazzjoni u tal-feedback skont it-Titolu II tal-Protokoll, l-awtoritajiet kompetenti jużaw il-formoli standard stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 4/2023 tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ. Il-formoli standard jirrikjedu aġġornamenti regolari biex jibqgħu rilevanti u ta' użu għall-awtoritajiet tat-taxxa għall-finijiet tal-Protokoll, biex jitolbu u jipprovdu feedback dwar l-informazzjoni dwar il-VAT wara talba għal informazzjoni u għal inkjesti amministrattivi, kif ukoll fil-każ ta' skambju spontanju ta' informazzjoni.

(3) Għalhekk jeħtieġ li tiġi modifikata l-istruttura tal-formoli standard u li jiġu introdotti tikketti u taqsimiet ġodda sabiex jinġiebu konformi mas-sistema tal-Iskambju tal-Formoli (EoF) imsemmija fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)2866, li ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2024)8903 tad-19 ta' Diċembru 2024. Tali modifika hija meħtieġa biex jiġi stabbilit qafas imtejjeb li jippermetti liż-żewġ partijiet jibbenefikaw mill-firxa estensiva ta' għodod li jintużaw attwalment mill-Istati Membri tal-Unjoni għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 4/2023 ([2]) jiġi sostitwit,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2408 tas-16 ta' Ottubru 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji li ġie stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2023/2408, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2408/oj).

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 4/2023 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ

Il-Kopresidenti